**FIL-QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA**

**SUBBASTA NRU. 50/2020**

**JULIETTE TANGO HOLDINGS LTD.**

**Vs**

**SOUTHCLIFF DEVELOPMENTS LTD**

# RELAZZJONI TAL-ESPERT TEKNIKU IL-PERIT DAVID PACE

PERIT DAVID PACE
51/9 OLD BAKERY STREET
VALLETTA
Tel: 21236642
e-mail: peritpace@outlook.com

**FIL-QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA**

**SUBBASTA NRU. 50/2020**

**JULIETTE TANGO HOLDINGS**

**LTD.**

**vs**

**SOUTHCLIFF DEVELOPMENTS**

**LTD.**

12 APR 2021
910
PAID

**RELAZZJONI TAL-ESPERT TEKNIKU IL-PERIT DAVID PACE**

Jesponi bir-rispett illi :

01.Huwa ġie inkarigat f'dawna il-proċeduri sabiex jagħmel deskrizzjoni tal-fond indikat fir-rikors promotur u sabiex ifisser il-piżijiet, kirjiet u jeddiejiet oħra, sew reali kemm personali, jekk ikun hemm, li għalihom dan il-fond ikun suġġett kif ukoll l-aħħar trasferimenti tiegħu, skond l-informazzjoni li jkun ħa mill-kreditur jew mid-debitur.

02.In diżimpenju tal-inkarigu tiegħu l-esponent żamm:

i) Aċċess fid-29 ta' Diċembru 2020 – ma fetaħ ħadd;

ii) Aċċess fit-2 ta' Marzu 2021 - ispezzjoni tal-fond.

03.L-appartament N.11 fil-kumpless 'Southcliff Mansions' ġewwa Triq l Skal, Wied il-Għajn, jikkonsisti f'*penthouse*, preżentement fi stat ta' ġebel u saqaf, sovrapost fuq iż-żewġ blokki illi jiffurmaw il-kumpless




*Ritratt meħud mil-Google Map*

04.L-aċċess għal fond jittieħed mit-tromba tat-taraġ fuq ix-xellug tal-blokk inti w tħares mit-triq, mil-bieb bin-numru 19A.






05. L-entratura tal-appartament tagħti għal-ambjent imdaqqas illi jdur mat-tromba u jidħol sat-tarf ta' wara fejn hemm żewġ ambjenti żgħar. Kuridur fin-naħa ta'wara jaqsam min-naħa għall oħra tal-binja. Warajħ hemm gallerija dejqa li tagħti għal fuq il-btieħi ta' wara.





06. Maġenb it-tromb tat-taraġ hemm bitħa interna. Kuridur qasir jagħti mill-kuridur ta' wara sal-ambjent li hemm fuq il-faċċata, illi hija kollha okkupata minn terrazzin kbir. Wara dana l-ambjent, hemm erba ambjenti żgħar imdawwrin ma' bitħa interna żgħira u xaft tal-*lift*.





07.Fit-tarf tal-kuridur ta' wara, kuridur ieħor qasir iwassal għal ambjent ieħor fuq il-faċċata. Warajh, u maġenb dana l-aħħar kuridur hemm ambjent ieħor li fuq wara tiegħu jagħti għal żewġ ambjenti żgħar.

08.L-arja tal-fond, inkluż it-terrazzini, huwa ta' 180 metru kwadru ċirka.

09.Minn riċerka magħmula jirriżulta illi il-bini kif imfassal huwa kopert bil-permess tal bini PA 6920/17 approvat fis-16 t'Ottubru 2017.

10.Ma jirriżultax illi il-fond għandu xi servitujiet attivi jew passivi ħlief dawk illi jirriżultaw mil posizzjoni tiegħu bħala l-appartament ta' fuq nett tal-blokki ta' appartamenti. Ma jirriżultax mid-deskrizzjoni tar-rikors promotur illi il-fond għandu l-arja tiegħu.

11.Lanqas ma jirriżulta illi saru xi trasferimenti tal-fond, illi ġie żviluppat mis-soċjeta intimata flimkien mal-kumplament tal-blokki.

12.L-appartament huwa soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu revidibbli kull ħamsin sena.

13.A bazi tas-suespost, l-esponent qiegħed jistma il-fond kif deskritt fis-somma ta mitejn w għoxrin elf ewro (€220,000).

Daqstant għandu x'jirrelata l-esponent għas-savju ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

12 APR 2021

Illum..............................

ILLUM 30.04.21 Ippreżentata mill-... A/C D.Pace

David Pace

DEHER IL-PERIT LEGALI/TEKNIKU............ B/bla dok... dok wieħed (1) ...menti

Perit D.Pace 393(44)/1 LI ĦALEF LI QEDA FEDELMENT U ONESTAMENT L-INKARIGU MOGĦTI LILU

Gaetana Aquilina
Deputat Reġistratur
Deputy Registrar
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)
Law Courts (Malta)

DEPUTAT REĠISTRATUR

Rose Marie Vella
Deputat Reġistratur
Deputy Registrar
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)
Law Courts (Malta)

**FIL-QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA**

**SUBBASTA NRU. 50/2020**
**JULIETTE TANGO HOLDINGS LTD.**
**vs**
**SOUTHCLIFF DEVELOPMENTSD LTD.**

Aċċess miżmum illum, it-Tlieta 29 ta'Diċembru 2020, fl-10.00am fuq il-post in kwistjoni ġewwa Triq li Skal Marsascala.

Billi sal-10.30am ma deher ħadd biex jiftaħ, l-aċċess ma setax jitkompla.

Perit D.Pace

**FIL-QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA**

**SUBBASTA NRU. 50/2020**
**JULIETTE TANGO HOLDINGS LTD.**
**vs**
**SOUTHCLIFF DEVELOPMENTSD LTD.**

Aċċess miżmum illum, it-Tlieta 2 ta' Marzu 2021, fl-10.00am fuq il-post in kwistjoni ġewwa Triq li Skal Marsascala.

Preżenti l-intimat, w il-Marixalli Manolito Briffa w Ivan Spiteri Bianco.

Ġie ispezzjonat il-fond li jikkonsisti f'binja fi stat ta'ġebel u saqaf, li jokkupa is-sular ta' fuq nett tal-blokk.

Ittieħdu qisien u ritratti.

L-aċċess ingħalaq fl-10.30am.

Perit D.Pace

**TAQSIMA III**
**IT-TMIEN SKEDA**

**Karatteristiċi Fiżiċi tal-Propjeta' Immobbli**

**Lokalita'** M'SCALA

**Qies tal-Binja kollha trasferita *** 180 m.k.

***Immarka fejn applikabbli***
***(Imla kaxxa waħda f'kull każ minbarra fejn indikat mod ieħor)***

**Tip ta' Propjeta'**
- [ ] Villa
- [x] Penthouse
- [ ] Terraced House
- [ ] Semi-Detached
- [ ] Mezzanin
- [ ] Terran
- [ ] Bungalow
- [ ] Maisonette
- [ ] Flat/Appartment
- [ ] Farmhouse

**Kemm ilha mibnija**
- [x] 0-20 sena
- [ ] Aktar minn 20 sena
- [ ] Qabel it-Tieni Gwerra

**Il-Madwar**
- [x] Veduta tal-bahar
- [ ] Veduta tal-kampanja
- [ ] Urbana

**Ambjent**
- [ ] Żona kwieta
- [x] Żona Traffikuża
- [ ] Żona ta' divertiment
- [ ] Żona Industrijali

**Stat ta' Kostruzzjoni**
- [x] Ġebel u saqaf
- [ ] Nofsu Lest**
- [ ] Lest***

**Kundizzjoni**
- [ ] Tajjeb
- [x] Adekwat
- [ ] Ħażin

**Faċilitajiet**
*Tista' timmarka aktar minn waħda*
- [ ] Bil-Ġnien
- [ ] Bla Garaxx
- [ ] Bil-Pool
- [ ] Garaxx karozza waħda
- [x] Bil-lift
- [ ] Garaxx żewg karozzi
- [ ] Bil-Basement
- [ ] Garaxx ta' aktar karozzi

**Arja**
- [ ] Bl-arja tiegħu
- [x] Mingħajr l-arja
- [ ] Bl-arja ma' terzi

* *Jinkludi l-artijiet kollha u ġonna imma jeskludi sulari addizjonali, soqfa u washrooms*
** *Jinkludi tikħil, elettriku, ilma u madum*
*** *Jinkludi ** kif ukoll kmamar tal-banju w aperturi*

**Data:** 08/04/2021

**Firma tal-Perit:** [signature]

**Numru tal-Warrant:** 645

**Timbru:**




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m




Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

**Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet**
*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

**Land Registration Agency**
*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

| Nru tal-Mappa: *Map Number:* | Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* | Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* | Data: *Date:* |
|---|---|---|---|
| 207106 E | x = 60344 y = 69108 | 6069 | 07/04/2021 |

Perit: *Architect:* [signature]

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 213

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*
Perit David P Pace B.Arch., MCIArb.
51/5 Old Bakery Street,
Valletta VLT 1454 Malta
Tel: 21236542 Fax: 21235627

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 202490

Dritt imħallas *Fee Paid*